MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Talba Numru. 2005/2002

**Vodafone Malta Limited
vs
Joseph Pace**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm181.50 (mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici in konnessjoni mal-“mobile phone” bin-numru 9942 8537.

Minkejja interpellat sabiex ihallas diversi drabi il-konvenut baqa’ ma inadempjenti.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f’din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament kif ukoll bl-ispejjes tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat mal-avviz tat-talba.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema’ lil Dr Michael Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm181.50 (mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti servizzi telefonici cellulari. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------